MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 324/1997/1

Mario Micallef
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1992, huwa sofra ingustizzja peress li gie trasferit u tilef ammont konsiderevoli mid-dhul ta' l-impjieg.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Illi r-rikorrent kien jahdem bhala "terminal controller" l-ajruport.
2. Illi parti mix-xoghol tar-rikorrent kien jikkonsisti f'li jikkontrolla dak kollu li kien jigri fit-terminals ta' l-ajruport permess ta' monitors bil-'video cameras'.

3. Illi sakemm ma jkun gara xejn fl-erbgha u ghoxrin siegha l-prassi hi li “r-recordings” jinzammu biss ghal madwar xahar minn meta jkunu ngibdu.

4. Illi fit-22 ta’ Awissu tas-sena 1992, ir-rikorrent kien qieghed “duty” il-control room u gie inkarigat mid-Duty Officer tal-MIA jinforma lis-suldati li kienu jinsabu fl-“Arrivals” bil-wasla tal-Ministru tal-Gustizzja ta’ dak iz-zmien Dr. Joseph Fenech li kellu jmur jilqa’ li xi persuni.

5. Illi in vista ta’ suespost, r-rikorrent kellu, ghar-ragunijiet tas-sigurta’, jsegwei l-passi tal-Ministru u dan permezz tal-“cameras”.

6. Illi mir-recordings ta’ dak in-nhar stess irrizulta li dak il-hin li l-Ministru laqa’ l-koppja mal-wasla taghhom, garr pakkett li kienu gabu maghhom minn-naha ta’ “non-Declare’ fl-ajruport.

7. Illi minkejja l-prassi fuq premess, li t-tape jithassar wara xahar, jekk kemm-il darba ma jkun gara xejn fil-gurnata tar-“recording”, ir-recording imsemmi thassar wara xahar.

8. Illi l-incident tat-22 ta’ Awissu 1992, gie pubblikat fil-gazzetti precisament fl-“Alternattiva” u fil-“Helsien”.

9. Illi r-rikkorent gie suspettat mic-CID li kien involut direttament mal-imsemmija pubblikazzjonijiet u fit-28 ta’ Settembru tas-sena 1992 gie arrestat ghall-tnejn u erbghin siegha u saru searches go daru xi tlett darbiet, fejn hadulu l-videos, negattivi u l-albums kollha flimkien ma’ “professionsal camera”.

10. Illi wara l-imsemmi incidenti r-rikorrent gie nfurmat li ma setax jirritorna lura ghax-xoghol gol-“control room” u giegheluh jiehu l-leave, li dam ghal-gimgha shiha u sussegwentement ir-rikorrent gie trasferit Hal-Ferh ghal madwar tliet snin u tliet xhur.

11. Illi mat-transfer ir-rikorrent ma nghatax xoghol ta’ Clerk jew Radio Operator u konsegwentement fit-23 ta’ Gunju

1993 ma kienx jircievi s-salarju ta’ Clerk BIII kif kien intitolat u ghalhekk sofra danni materjali sostanzjali.

12. Illi konsegwentement ir-rikorrent tilef il-promozzjoni li kien intitoltat ghaliha minkejja li kien “fully recommended”.

13. Illi r-rikorrent ghadda inkjesta mill-Armata u dan skond ordnijiet li hargu minghand il-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien u Dr. Joseph Fenech li dak iz-zmien kien Ministru tal-Gustizzja.

14. Illi anki meta t-Tabib tal-Armata ordna lir-rikorrent ma jidholx ghax-xoghol ghax ma kienx f’siktu bizzejjed, gie ordnat li jidhol lura x-xoghol ghax heddewh li kienu ser ighadduh bord u dan meta kien hemm tmien persuni ohra fl-Armata li kienu ilhom ma jmorru ghax-xoghol ghal madwar sentejn.
Illi in konsegwenza ta’ dak kollu premess, ir-rikorrent sofra moralment u materjalment.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dan l-ilment u dan taht l-Att tal-1997 dwar l-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u dan billi jinghata rimedju f’li jinghata l-promozzjonijiet li kien haqqu u/jew jigi ordnat li jinghata kumpens ta’ mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda prezentat mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi ghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta’ l-artikolu 5(3)(b) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 peress illi r-rikorrent

naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta’ rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta’ l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi fir-rigward ta’ riferenzi ghall-promozzjonijiet li saru fil-1996 u li r-rikorrent ghamel referenza ghalihom f’paragrafu 12 tar-rikors tieghu r-rikors promotur hu inammissibbli fit-termini ta’ l-Artikolu 5(4) ta’ l-Att VIII tal-1997 peress li l-att jew omissjoni allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta’ l-Att.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li sofra ingustizzja bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1992 peress li gie trasferit u tilef ammont konsiderevoli mid-dhul tal-impieg tieghu hija bla bazi ta’ xejn minhabba li l-posting tieghu minn unita` ghall-ohra ma kkawzatlu l-ebda nuqqas ta’ dhul. Qabel xejn jidher li r-rikorrent qed jirreferi ghall-posting tieghu mit-2 Regiment ghall-1 Regiment li saret b’effett mill 11 ta’ Frar 1992, u ghall-hlas ta’ nofs l-allowance tat-trade (cioe’ ta’ Bandist AIII) li konsegwentament hu beda jithallas b’effett mill-1 ta’ Marzu 1992. Primarjament hawnhekk ta’ min isemmi li fil-Kundizzjonijiet Generali tal-Ingagg hemm imsemmi li wiehed jista’ jigi ppustjat minn unita` jew taqsima ghall-ohra u fit-tieni lok wiehed irid jispjega li l-procedura fis-servizz dak iz-zmien rigward il-hlas ta’ trade allowance kienet li wiehed jinghata l-allowance shiha fuq xi trade <u>jekk ikun qieghed jahdem biha</u> u li fil-kaz tar-rikorrent kienet ta’ Lm48 fis-sena. Altrimenti l-individwu jinghata nofs l-allowance. Ta’ min jinnota wkoll li hija esagerata li wiehed jalludi ghall-allowance ta’ Lm48 fis-sena bhala ammont konsiderevoli ta’ dhul mill-impieg. Meta r-rikorrent gie posted kif imsemmi huwa kien qieghed jithallas l-allowance fuq it-trade ta’ bandist AIII cioe` Lm48 fis-sena. Billi x-xoghol li r-rikorrent kien beda jaghmel ma kienx dak ta’ Bandist, ittiehdet azzjoni biex b’effett mill-1 ta’ Marzu 1992 ir-rikorrent jibda jithallas nofs l-allowance tat-trade li kien jippossjedi jigifieri Lm24 fis-sena. Dan s’intendi skond ir-regolamenti u l-procedura ta’ hlas ta’ dan it-tip ezistenti dak in-nhar. Ta’ min isemmi u jenfasizza li r-rikorrent ma kienx baqa’ jifforma parti mill-Banda sa mill-20 ta’ Jannar 1986 jigifieri snin qabel ma kien gie ppustjat mal-1 Regiment u ghaldaqstant wiehed ma jistax jifhem kif ir-rikorrent ilmenta li tilef xi ammont

mid-dhul meta suppost kien ilu minn dak in-nhar li kellu jinghatalu nofs l-allowance tat-trade ta' Bandist. F'kelma wahda ma jidhirx li kien hemm xi raguni specjali ghala r-rikorrent kellu jibqa jithallas it-trade allowance shiha u ghaldaqstant mal-posting tieghu l-azzjoni mittiehda rigward l-allowance kienet f'lokha u gusta. Ma jidhirx li kien hemm xi dhul iehor tal-paga tar-rikorrent li tnaqqset. Irid wiehed jispjega wkoll li b'effett mill-1 ta' Gunju 1993 fit-termini tas-Salarji Godda u Kundizzjonijiet tas-Servizz mhabbra dik is-sena, il-hlas ta' allowance fuq ir-***Reserve Trade*** jigifieri trade li wiehed kien ikollu imma li ma kienx jahdem biha twaqqa' u nghata ammont rivedut fuq hlas ta' trade li wiehed kien jahdem biha u li wiehed jirreferi ghaliha bhala l-***Working Trade***. Fil-kaz tar-rikorrent, la qabel il-posting tieghu u lanqas wara l-posting tieghu mal-1 Regiment hu ma kien qed jahdem ta' Bandist u ghalhekk ma setax jibbenefika minn hlas tat-trade li kellu.

Illi x-xoghol li r-rikorrent inghata meta gie posted fl-1 Regiment kien ta' Operator tas-Security Control Room tal-Malta International Airport u mhux ta' ***terminal controller.*** Illi wara l-incident li r-rikorrent irrefera ghalih cioe` dak li gara fit-22 ta' Awissu 1992 ir-rikorrent kien gie posted f'Kumpanija ohra tal-istess Regiment. Dan kien fl-interess sew tar-rikorrent kif ukoll tas-Servizz.

Illi r-rikorrent mhux korrett f'li jsemmi li gie trasferit Hal-Ferh ghas-semplici raguni li hu gie posted fil-Kumpanija tal-Infanterija li l-bazi taghha tinsab Hal-Far.

Illi mal-posting li r-rikorrent qed jirreferi ghaliha bhala transfer, ma setax jinghata xoghol ta' ***clerk*** jew ***radio operator*** ghar-raguni semplici li hu ma kienx la ***clerk*** u lanqas ***radio operator*** kif donnu wiehed ried jaghti x'jifhem. Hawnhekk bil-fors wiehed irid jispjega li kien madwar tmien xhur wara li r-rikorrent kien gie posted mal-Kumpanija tal-Infanterija li gie organizzat kors ta' tahrig fit-trade ta' clerk. Ir-rikorrent naqas li jsemmi li hu kien attenda u ghadda mill-ezami tat-trade ta' clerk fit-22 ta' Gunju 1993. Apparti li dan ma kienx jaghtih id-dritt li jinghata xoghol ta' clerk ma kienx hemm xoghol li wiehed seta' jimpjega clerk iehor. Li kieku sar hekk kien ikun

mehtieg li jinqala’ xi hadd minn dan ix-xoghol sabiex jigi akkomodat ir-rikorrent. Ghaldaqstant ir-rikorrent ma kellu l-ebda dritt ghall-allowance ta’ clerk kif allega hu, u ghalhekk ma setax ***sofra danni materjali sostanzjali.***

Illi r-rikorrent kien rega’ gie posted mat-2 Regiment fuq talba tieghu nnifsu fit-12 ta’ Dicembru 1995. Illi hu ghadda mit-trade test ta’ radio operator fit-23 ta’ Frar 1996, snin wara l-posting tieghu fl-1 Regiment izda li konvenjentement ir-rikorrent ta x’wiehed jifhem li kellu trade mal-posting tieghu mal-1 Regisment fil-1992. Billi fid-data li ghadda mit-test tat-trade hu kien jahdem b’din it-trade, huwa beda jithallas l-allowance dovuta minnufih. Ghaldaqstant ir-rikorrent mhux korrett li jghid li mat-***transfer*** msemmi aktar ‘il fuq ma nghatax ix-xoghol ta’ radio operator u li hu ried jaghti wiehed x’jifhem li b’hekk tilef xi beneficcju ta’ flus.

Illi fil-11 ta’ Mejju 1988 kif ukoll fl-20 ta’ Jannar 1992 ir-rikorrent kien gie promoss ghar-rank ta’ Lance Bombardier u Bombardier rispettivament.

Illi oltre l-inammissibilita` msemmija aktar ‘il fuq, ir-rikorrent ma tilef l-ebda promozzjoni minhabba dak li allega hu fil-konfront tar-rikorrent ghaliex il-promozzjonijiet ma jinghatawx fuq jekk individwu jigix posted u mhallas jew le ghal xi trade.

Illi mhux veru li wara l-incident msemmi mir-rikorrent xi hadd heddu li se jghadduh bord jekk hu ma kienx ser jidhol ghax-xoghol. Jidher zgur li fid-29 ta’ Ottubru 1992 it-tabib tas-servizz iccertifikah li seta jidhol lura ghax-xoghol wara li kien ilu marid sa mit-8 ta’ Ottubru 1992.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu u subordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda prezentat mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li dahal fl-Armata fl-1982, u sar Lance Bumbardier fil-11 ta' Mejju 1988, u xi ftit zmien wara kien anke ntghazel bhala 'terminal controller', fejn kien jimmoniterja s-sigurta` u dejjem ghamel xogholu b'efficjenza. Semma li fl-20 ta' Jannar 1992 gie promoss ghal Bumbardier, u li fit-22 ta' Awissu 1992 kien duty bhas-soltu, meta kien inqala' incident. Spjega li, kien anke deher artiklu, dwar li l-Ministru Dr. Joe Fenech dak iz-zmien kien garr pakkett minn barra u ghadda minn 'nothing to declare'. Hu cahad li kellu x'jaqsam b'xi mod mal-hrug jew pubblikazzjoni ta' xi informazzjoni li kien hemm fil-videos li kienu jigu rrekordjati. Qal li hu dejjem segwa l-procedura u lanqas kien il-kbir fil-control room, madankollu gie arrestat ghax kien waqa' s-suspett fuqu u gie investigat mis-CID. Qal li anke fittxulu fid-dar tieghu, izda qatt ma ttiehdu xi passi legali kontra tieghu. Izda qal li xorta nghata trasferiment mill-ajruport. Semma li kien ha l-ftit jiem leave li kien baqghalu, u mar ghand it-tabib tal-Armata, Dr Robert Galea, li sabu jsofri minn dipressjoni, u sadanittant gie trasferit ghal Hal-Far. Qal li t-tabib kien iccertifikah li hux tajjeb ghax-xoghol, izda kien ircieva ittra biex imur jara lill-Maggur Farrugia li kien qallu li kellu ordni minghand il-Brigadier Calleja, dak iz-zmien, li jekk mhux ser jidhol ghax-xoghol wara 28 gurnata, ighaddi bord.

Zied ighid li allura kien baqa' jahdem Hal-Far u ghamel il-kors ta' B3 clerk, u fil-frattemp, ghadda inkjesta mill-Armata fuq l-incident, u ma kienu sabu xejn kontra tieghu. Zied li kieku kien baqa' l-ajruport kien jithallas separatament tat-trade xi Lm10 fix-xahar extra. Semma li wara xi zmien, kien baghat ghalih il-Brigadier Gaffiero li kien qallu li jaf li ma kienx involut fl-incident ta' Awissu 1992 u staqsieh fejn xtaq imur u xi sena u tmien xhur

wara ntbaghat it-turretta.  Hu pprezenta dok a fol 70 fejn jidhru seba' persuni li kienu fl-Armata u damu ghal perjodu twil bis-sick-leave qabel ma kienu 'discharged'.

Xehed il-Professur tal-Psikjatrija Vella Baldacchino, li qal li ilu jaf lir-rikorrent ghal madwar ghaxar snin, u kemm ilu jafu qal li r-rikorrent dejjem kellu xi problemi fuq ix-xoghol, u x-xoghol kien propju r-ragunijiet ghalfejn kien imur ghall-konsultazzjonijiet.  Qal li jiftakar lir-rikorrent ighidlu li kien qed ihossu maqbuz mill-promozzjonijiet, u din kienet tikkagunalu hafna anzjeta` u kien hemm perjodu wkoll meta kien dipress.  Zied ighid li r-rikorrent kien irrakkuntalu episodju li kien gara fl-ajruport li kien iddisturbah hafna, peress li kienu hadu passi kontrieh.  Qal li meta kien inqala' dan l-incident, hu kien hadha bi kbira u kien effetwah hafna psikologikament.  Semma wkoll li fil-perjodu immedjat wara l-incident tal-ajruport, ma kienx tajjeb biex imur lura fuq il-post tax-xoghol.

In kontro-ezami qal li kemm kien ilu jaf lir-rikorrent anke qabel l-incident, kien dejjem ibati bl-ansjeta`.  Qal li l-ansjeta` tar-rikorrent hi dejjem marbuta max-xoghol proprju ghax Micallef hu bniedem sensittiv b'certi aspettattivi, li jekk ma jintlahqux, jispicca, u peress li hu sensittiv hafna, jeffetwawh anke affarijiet zghar.  Qal ukoll li r-rikorrent kien qed ihoss li saret diskriminazzjoni kontrieh.

Xehed Dr. Robert Galea, li qal f'Lulju tal-1989, kien l-ewwel darba li r-rikorrent wera sintomi ta' ansjeta', u anke kien qed jiehu xi medicini.  Zied ighid li ghall-habta ta' Settembru 1989, s-sitwazzjoni tar-rikorrent kienet aggravat, u kellu xi tmien gimghat barra mix-xoghol minhabba dan.  Kompla jghid li f'Ottubru 1992, ir-rikorrent rega' rraporta l-medical centre, u kien deher eccitat hafna minhabba xi incident li kellu fuq ix-xoghol.  Semma li skond ir-rekords kien rega' dahal lura ghax-xoghol u jidher li kien gie ppustjat it-turetta.  Qal li hi fid-diskrezzjoni tal-commander li wara 28 gurnata li persuna ma jkunx irraporta ghax-xoghol minhabba sick, jista' ighaddi medical board, u zied ighid li kull kaz ghandu l-mertu tieghu.

In kontro-ezami, qal li hu qatt ma rrakomanda li r-rikorrent, jinbidillu x-xoghol minhabba n-natura medika tieghu. Qal ukoll li m'ghandu l-ebda notament li jghid li r-rikorrent kien qallu li gie mghedded biex jerga' lura ghax-xoghol u qatt ma rrakkomanda li r-rikorrent ighaddi bord mediku f'dak il-perjodu.

Xehed Dr. Mark Xuereb li qal li hu jaf lir-rikorrent fl-Out-Patients l-isptar ghal dawn l-ahhar xhur. Qal li bejn l-1987 u l-1995, lir-rikorrent, ma kellu l-ebda konoxxenza tieghu la medika u lanqas fizika. Izda qal li hu ghamel referenzi mal-kollegi tieghu u jidher li s-Sur Micallef qed ibati trawma li gejja mill-passat, li hu konness mal-perjodu bejn l-1987 u l-1995. Spjega li r-rikorrent ghadda u ghadu qed ighaddi minn trawma psikologika, u ghalkemm kellu sintomi psikosomatici, jigifieri li l-pazjent ibati minn stress u jimmanifesta dan b'danni ghalih, per ezempju ugiegh ta' rasijiet, qtugh ta' nifs jew tferfir jew ghejja, dizziness, u element ta' dwejjaq kif iqum, u qed ibati wkoll mir-relazzjonijiet tieghu mal-familja, u dawn l-effetti ghad qed ibatihom sal-lum. Qal li kkonsulta mid-dokumenti fejn jidher li hu kien jistinka u biezel fuq ix-xoghol u s-superjuri tieghu kienu weghduh javvanza u kien jittrejnja certa nies, u r-rikorrent kien semma li wara izda li ghamel l-ezamijiet qatt ma gie promoss. Ghalhekk hass li kienet qed issir ingustizzja mieghu u dan wasal lil Micallef biex ikun dipress u anzjuz. Ikkonferma li hemm evidenza oggettiva klinika fis-sens, li hemm relazzjoni vicina bejn dak li hu ghadda minnu u dawn il-manifestazzjonijiet klinici.

Qal ukoll li mill-ezami tieghu jirrizulta li Micallef illum ghadu stressat kagun tal-avvenimenti ta' qabel u r-rikorrent ghadu qed ibati minn dawn l-effetti sal-gurnata tal-lum, peress li r-rikorrent ha dawn l-avvenimenti bi kbar hafna u ghadu ighix fil-passat.

Xehed Dr. Josie Muscat li qal li hu t-tabib personali tal-familja ta' Micallef u ilu jafu madwar 20 sena. Qal li wara li kien inqala' incident fl-ajruport, ir-rikorrent kien tkisser moralment u psikologikament. Zied ighid li hu bhala tabib tieghu, kiteb anke lill-Prim Ministru u lis-Segretarju tal-

Prim Ministru rigward dawn il-problemi ta' Mario Micallef peress li mhux bil-medicini biss tfejjaq. Kompla ighid li s-sitwazzjoni ta' Mario Micallef dan l-ahhar hzienet hafna sa ftit zmien ilu, meta l-mara tieghu cemplitlu bil-lejl u qaltlu biex imur jinvista lil Micallef malajr, fejn instab li kellu 'transient cerebral scheme disease'. Qal li ghadu qed jiehu l-medicini minhabba din il-problema. In kontro-ezami, qal li hu jara lil Micallef regolarment, u r-rikorrent imur ukoll ghand l-ispecjalista, izda hadd ma jista' jsegwieh daqs it-tabib tieghu personali.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri, li pprezenta dokument a fol 79, il-Curriculum Vitae tar-rikorrent minn meta dahal fl-Armata fl-1982 sal-1996. Esebixxa l-kondotta fejn kien jahdem ir-rikorrent, kif ukoll estratt mill-medical rekords u ittra mir-rikorrent biex jigi posted fil-Palace Tower Station a fol 82. Ipprezenta covering letter tal-Kaptan Vassallo tal-1 ta' Gunju 1994 a fol 83. In segwitu, ghal dan, spjega li r-rikorrent kien kiteb ittra indirizzata lill-Prim Ministru biex jigi ppustjat fejn talab hu. Semma li fl-ebda zmien ir-rikorrent ma kien 'terminal controller' fl-ajruport, a kuntrarju ta' kif qal ir-rikorrent. Qal ukoll li ma jirrizultax li r-rikorrent tilef il-promozzjoni peress li l-ahhar promozzjoni li ha kienet fl-1992. Spjega li wara li kien inqala' dak l-incident fl-ajruport, investigazzjonijiet ma kienx saru fir-rigward tar-rikorrent biss izda ukoll fir-rigward ta' persuni ohra ukoll. Zied ighid li barra mill-investigazzjoni tal-Pulizija separatament kienet saret dak li kien jissejjah Bord ta' Investigazzjoni intern min-naha tal-Forzi Armati, fejn kienu gew intervistati nies bhas-Surgent Mifsud Gaetano, il-Brigadier Micallef, ir-rikorrent, is-Surgent Alex Attard, il-Brigadier Albert Vincent, il-Brigadier Mark Schembri, Gunner Eugenio Delceppo, il-Brigadier Alfred Spiteri, il-Brigadier Joseph Ellul, Lance Bumbardier Eugenio Lombardi, Gunner Paul Mifsud, is-Surgent Gino Farrugia, fost ohrajn. Qal li minn dan irrizulta li ma kienx hemm indikazzjonijiet cari u provi li jista' jitressaq kaz kontra r-rikorrent. Semma wkoll li mir-rekords tar-rikorrent ma jidhirx li dan l-incident kellu effett negattiv fir-rigward ta' promozzjoni. Fl-ahharnett qal li r-rikorrent ma jistax jilmenta li ma hax il-promozzjoni fl-1992.

In kontro-ezami, qal li r-rikorrent kien fil-kariga ta’ radio operator, fis-security control room. Qal li meta r-rikorrent gie trasferit mill-Airport Terminal, il-Kurunell Gaffiero kien ikkonferma li tkellem ma’ Micallef u qallu li malli jkun hemm vakanza r-rikorrent jitqieghed hemm.

**KONKLUZJONIJIET:**

A] Illi fil-21 ta’ April 1999 sar verbal li peress li jirrizulta dwar il-process tal-**Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji** dwar it-talba tar-rikorrent prezentata fil-25 ta’ Frar 1994 il-Kummissjoni kienet iddecidiet fil-21 ta’ April 1995 li l-ilment kellu jigi kkunsidrat bhala late application billi ma sarx fit-terminu ta’ tlett xhur skond l-Artikolu 9 (1) (a) ta’ l-Att XV ta’ l-1997 u li l-Kummissjoni astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu u ghalhekk il-kaz ma giex investigat mill-Kummissjoni a tenur ta’ l-Artikolu 6 (2) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 u ghalhekk it-Tribunal kien ordna li jitkomplew il-provi fuq il-mertu tal-kaz. Hu kien cahad l-eccezzjoni sollevata.

B] Illi fl-istess data l-ewwel eccezzjoni bazata fuq l-**Artikolu 161** ta’ l-Att dwar il-Forzi Armati giet irtirata.

C] Ir-rikorrent qieghed jilmenta fuq diversi aspetti u jidher li l-ewwelnett qieghed jilmenta dwar in-**nuqqas ta’ promozzjoni.** Issa mir-rekords ta’ l-Armata u bl-ebda mod kontradetti mill-provi tar-rikorrent jirrizulta li fl-20 ta’ Gunju 1992 ir-rikorrent gie promoss ghall-grad ta’ Bombardier u jidher li l-ewwel promozzjoni li r-rikorrent seta’ jkun intitolat ghaliha kienet dik ta’ l-1996 u infatti jirriferixxi ghal din il-promozzjoni fil-paragrafu 12 tar-rikors a fol 2. Issa fil-Kap 394 Artikolu 5 (4) jsemmi li dan l-Att ma ghandux japplika ghal ebda Att jew ommissjoni li jkunu graw wara il-15 ta’ Mejju 1995 u ghalhekk jirrizulta car li l-aspett ta’ nuqqas ta’ promozzjoni tar-rikorrent jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione temporis.*

D] It-Tribunal huwa obbligat li jara jekk irrizultatx **xi ingustizzja ohra fil-konfront tar-rikorrent.** Ir-rikorrent semma l-incident ta’ l-1992 u kif dan l-incident ikkawzalu hsara ghal sahhtu u kif fil-fehma tieghu l-Armata ma mxietx sew mieghu anke billi gie trasferit. Issa skond ix-

xhieda ta’ Dr Robert Galea u Dr Mark Xuereb jirrizulta li d-depressjonijiet li jbati minnhom ir-rikorrent bdew qabel l-incident ta’ l-1992. Jirrizulta wkoll mid-dokument a fol 81 tal-process li r-rikorrent fl-1984 kellu 34 days light duties u 15 days Ex. Nights. Fl-1985 kellu 82 days Ex. Nights / Parades, 4 days sick at home u 4 days light duties. Fl-1989 kellu 57 days sick at home u fl-1990 105 days Ex. P. T. / Drill. Fl-1991 kellu 75 days Ex. P.T. / Drill. Illi minn dan kollu jidher car li l-pozizzjoni tar-rikorrenti ma kenitx wahda felici l-anqas qabel ma gara l-incident ta’ l-1992 ghalkemm naturalment setghet zdiedet b’dak li gara fl-1992. Irrizulta li r-rikorrent ghadda investigazzjonijiet u bord ta’ inkjesta u kif sostna hu l-incident kompla jkissru izda ma ttiehdu ebda passi fil-konfront tar-rikorrent. Huwa veru li r-rikorrent gie trasferit izda hawnhekk it-Tribunal ma jsib xejn daqshekk stramb li persuna tigi trasferita wara l-incident ta’ l-1992 ghalkemm ma tirrizulta ebda htija izda f’sens ta’ kawtela mill-Armata. Ma jirrizultax li dan it-transfer kien b’xi mod oppressiv jew li r-rikorrent gie trasferit f’xi post fejn kien hemm kundizzjonijiet ambjentali avversi. Huwa veru li r-rikorrent possibilment tilef xi ammonti zghar hafna ta’ allowances kawza ta’ dan it-transfer izda wkoll dawn l-allowances m’humiex kompetenza tat-Tribunal *ratione materie* (ara sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Meditterraen OilField Services Company Limited deciza fl-14 ta’ Dicembru 1999).

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal ma jsibx ebda ingustizzja kommessa mill-intimat u jilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------